MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Numru. 142/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**George Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi George Buttigieg detentur tal-karta tal-identita` numru 247667(M).

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Lulju 2014, u fil-granet u xhur ta' qabel, gewwa l-fond numru 40, 'Lollies Snack Bar', Triq Sant'Anna, Floriana u f'dawn il-Gzejjer

B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' elettriku liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-kumpanija Enemalta u/jew il-Gvern ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-Artikolu indikati u cioe` l-Artikolu 263, 264(2), 267, 278(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, ssib lill-imputat, George Buttigieg, hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 Kapitlu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) millum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------